**Kamra ħelwa**

Ħallejtek o kamra ħelwa
Fik intasab ġewwa fija,
Fervur li qatt ma jispiċċa
Għax hu mgeżwer fl-isbaħ dija.

Dak id-dawl sabiħ tas-sewwa
Li żgur w qatt mhu se jseħħlu jgħib,
Hu d-dawl tal-Ħniena Divina
Li fuqha kemm issib xi tgħid.

Kamra helwa t-tarag tieghek
Ifakkarni fl-imbierka triq,
Li twassal għal hena veru
Fost il-biki u tant ilfiq.

Jien naf li s-sikta li għandek
Lili tassew qed tħaddanni,
Qiegħedha wisq tgħinni biex nifhem
Kemm Kristu tiegħi jismagħni.

Għalhekk fis-skiet ta' dil-għodwa
Qed inħallik bil-mod il-mod,
Imma mhux biex naħrab minnek
Għalkemm sejjer f'imkien 'il bogħod.

Għall-kuntrarju se niltaqa'
Miegħek, emminni mhux ħa ndum,
Għax Dak li hu ħniena nfinita
Bil-mod tiegħu jtini raġun.

La tibkinix biss stennieni
Sadattant itlob għalija,
Għax la tasal dik is-siegħa
Ħdejk tarani b'allegrija.

Issa ħa ninżel, sar il-ħin
Alla jeħilsek mill-ħlewwa,
Ilqaghlu l-maħbubin tiegħu
Wisq inħobbok kamra ħelwa.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 t'Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.